


# Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu u l-qima lejha fil-Belt Senglea

**Fabian Mangion**
*B.A., S.Th. Lic.*

Fil-gżira ta' Malta, l-Aħwa tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu jew sempliċement, il-Karmelitani, għandhom storja li tmur 'il bogħod ħafna. Il-wasla tal-ewwel Karmelitani tidher li kienet fl-1418. F'xaqliba li sal-lum għadha tissejjaħ 'Il-Lunzjata', fid-daħla tar-Rabat għal min ikun ġej minn Ħad-Dingli, kien hemm knisja ċkejkna li aktarx li kienet ilha mibnija sa mis-seklu ħdax.

Dawn l-ewwel patrijiet bnew kunvent madwar din il-knisja tal-Lunzjata u hemm iffurmaw l-ewwel komunità ċkejkna. Din il-knisja, u l-artijiet ta' madwarha, ingħatawlhom minn Donna Margherita, armla tan-Nobbli Giacomo di Pellegrino, li kien mid-dar irjali ta' Aragona fi Spanja. Minn dik il-knisja, il-Karmlitani ħabirku u stinkaw kemm felħu biex ixerrdu d-devozzjoni lejn il-labtu tal-Madonna fil-gżejjer Maltin.[1]

F'dak iż-żmien imbiegħed, l-Isla kien baqgħalha ħafna aktar minn 150 sena biex issir parroċċa. Imma wkoll wara li l-Isla saret parroċċa fl-1581, għad illi fil-knisja parrokkjali kien hemm ħafna artali dedikati lill-Madonna taħt xi titolu jew ieħor, u saħansitra l-knisja stess kienet iddedikata lit-Twelid ta' Marija, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu damet daqsxejn ma daħlet.

## Artal fil-knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo

Fil-fatt l-ewwel artal fi knisja fl-Isla dedikat lill-Madonna tal-Karmnu, lanqas insibuh fil-parroċċa, imma fil-knisja ta' Sidtna Marija tal-



**Artal tal-Karmnu f'San Filippu**

Porto Salvo. Dik il-knisja nbniet mill-ġdid bejn is-snin 1670 - 1690, tkabbret, u żdiedu fiha xi artali. Wieħed minn dawn l-artali ġodda, l-ewwel wieħed fuq il-lemin tal-artal maġġur, fin-navata ċentrali, ġie ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu.[2] Huwa artal li żamm postu sal-ġurnata tal-lum.

F'dan il-kwadru, xogħol il-pittur Enrico Regnaud (1692-1764),[3] il-Madonna tidher flimkien ma' Sant'Anna, San Xmun Stock, l-ewwel prijur ġenerali tal-Ordni Karmelitan, Santa Tereża ta' Avila, soru Karmelitana li, bħala riformatriċi tal-Ordni Karmelitan, waslet biex waqqfet il-Karmelitani Skalzi, San Injanzju ta' Loyola, fundatur tas-Soċjetà ta' Ġesù (il-Ġiżwiti) u l-ewwel Superjur Ġenerali tagħha, u San Franġisk Saverju, kumpann ta' San Injazju, miegħu ko-fundatur tas-Soċjetà ta' Ġesù u wieħed mill-ewwel seba' Ġiżwiti li ħadu l-voti tal-faqar u l-kastità f'Montmartre, Pariġi, fl-1534.

### Artal fil-knisja parrokkjali

Fil-parroċċa, l-ewwel li jissemma artal marbut b'xi mod mad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, hu fl-1718. Fid-9 ta' Jannar ta' dik is-sena, ġew reġistrati l-ewwel legati marbutin ma' dan l-artal. Fihom jingħad illi dan l-artal



**Tal-Karmnu fis-Sagristija**

għadu kemm sar ġdid, u li qiegħed fil-post fejn qabel kien hemm id-daħla lejn iċ-ċimiterju u l-kappella ta' Santu Rokku.

B'rabta ma' din id-devozzjoni lejn Santu Rokku u San Bastjan, qaddisin prottetturi kontra l-marda tal-pesta, fil-kwadru li tqiegħed fuq dan l-artal, u li kien juri lill-Madonna bil-Bambin, u lil San Pawl, tqiegħdu wkoll dawn iż-żewġ qaddisin. Dan il-kwadru, ta' tmiem is-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, illum huwa miżmum fis-sagristija tal-Bażilika.[4]

Tajjeb jingħad ukoll li, minn dak iż-żmien, minkejja l-ispustamenti ta' xi artali fil-knisja, inkluż dak li sar fir-rikostruzzjoni wara l-gwerra, l-artal tal-Madonna tal-Karmnu żamm dejjem l-istess post kif għadu sal-ġurnata tal-lum.

Dan l-artal jerġa' jissemma' fl-1720, fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li saret mill-Isqof Giacomo Cannaves. Hawn ukoll jingħad illi dan l-artal kien wieħed ġdid. Sadanittant, iżda, ma tissemma' ebda fratellanza mwaqqfa jew marbuta ma' dan l-artal.[5]

### Titwaqqaf fratellanza

Sena wara, fi żmien il-Kappillan Dun Fortunat Vella u b'digriet tal-Isqof Gaspare Gori Mancini tat-23 ta' Awwissu 1721, twaqqfet din il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu.[6] Minkejja dan, il-fratellanza damet ħafna ma bdiet tiffunzjona b'mod regolari. Kellhom jgħaddu qrib il-mitt sena sa ma qabdet sewwa u bdiet tiffunzjona bħall-fratellanzi l-oħra tal-parroċċa.

Xhieda ta' dan hu l-fatt li, fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li saret fl-1772 mill-Isqof Giovanni Pellerano, filwaqt li jingħad illi kien hemm devozzjoni qawwija lejn il-Madonna fuq dan l-artal, il-fratellanza lanqas biss tissemma'. Mhux talli hekk, talli l-artal hemm riferenza għalih bħala ta' Santu Rokku u San Bastjan.[7]

Ir-rabta mal-Qaddis Santu Rokku fil-fatt damet ħafna, u għal bosta snin, minkejja l-bdil tat-titular baqgħet issir festa f'ġieħ dan il-qaddis fuq dan l-artal. Saħansitra kienet issir festa bil-purċissjoni f'ġieħ Santu Rokku nhar is-16 ta' Awwissu ta' kull sena u li għaliha kienet tingħata għajnuna ġeneruża min-naħa tal-

Kunsill Popolari. Ta' kull sena wkoll kienu jsiru festi f'ġieħ San Sebastjan fl-20 ta' Jannar, f'ġieħ San Ġwann t'Alla nhar it-8 ta' Marzu u f'ġieħ San Ġwann l-Evanġelista fis-27 ta' Diċembru. Lejn dawn l-aħħar żewġ qaddisin kien hemm ċerta devozzjoni peress illi mal-prospettiva tal-artal kien hemm pittura żgħira tagħhom.[8]

Minkejja dan, fl-istruttura tal-artal baqa' jsir titjib. Fis-sena 1781, kienu nksew xi partijiet minnu bl-irħam, u sena wara, sar sottokwadru tal-Madonna tal-Bon Kunsill, li kien ħallas għalih il-Kappillan Dun Salv Bonnici, li ħames snin wara, mal-għoti tal-ġieħ ta' Kolleġġjata lill-knisja tal-Isla, sar l-ewwel Arċipriet. Dan il-kwadru kompla żied id-devozzjoni lejn il-Madonna, speċjalment matul ix-xahar ta' Mejju.[9]

F'Jannar 1786, ftit xhur biss qabel ma lill-Parroċċa ngħatalha t-titlu ta' Kolleġġjata, saret Viżta Pastorali mill-Isqof Vincenzo Labini. Anke fir-relazzjoni ta' din il-Viżta, il-fratellanza ma tissemma' xejn, daqslikieku ma kienet twaqqfet qatt.[10]

Iżda ż-żmien tal-qawmien ta' din fratellanza wasal ukoll. Dan kien fl-1838, fi żmien li l-Kanonku Dun Leopoldu Fiteni kien Arċipriet tal-Isla. Biex din fratellanza ħadet ir-ruħ ġiet magħquda mal-Kongregazzjoni tad-Duttrina, u ma' dik tal-Penitenza, li kienet imwaqqfa fil-knisja ta' San Ġiljan fl-1774.[11] Dan il-pass serva ta' ġid kbir, għaliex minn dak iż-żmien, bil-mod il-mod, bdiet tqum fuq saqajha.

L-imseħbin ġew mogħtija l-permess li jġibu l-konfratija bħall-fratellanzi l-oħra u saħansitra issa bdiet tiġi wkoll ċelebrata festa f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu nhar is-16 ta' Lulju bl-ewwel u t-tieni għasar, quddiesa kantata u paniġierku.

Din il-fratellanza kienet fl-aqwa tagħha tul it-tieni nofs tas-seklu 19. Dan kien żmien li fih nsibu l-akbar numru ta' fratelli imsieħba fiha. Kienu jsiru wkoll funzjonijiet li matulhom bosta kienu jinkitbu fil-labtu tal-Karmnu.[12]

F'Marzu 1881, saret prospettiva ġdida għall-artal, u tqiegħed kwadru titulari ġdid, xogħol is-Senglean Ġużeppi Bonnici (1835-1900).[13] Bla dubju jista' jingħad li dan kien l-ewwel kwadru fil-parroċċa li jirraffigura b'mod ċar il-Madonna tal-Karmnu.



**Tal-Karmnu ta' Ġużeppi Bonnici**

### Statwa ta' Vincenzo Bonnici

Meta kien għad kellu biss għoxrin sena, fl-1841, l-iskultur Senglean Vincenzo Bonnici (1821-1865)[14] ħadem statwa fl-injam tal-Madonna tad-Duttrina għall-Kolleġġjata tal-Isla.[15] Dan ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni ta' artist Senglean ieħor, Tommaso Madiona (1803-1864).[16] Maż-żmien din l-istatwa ġiet mibdula fi statwa tal-Madonna tal-Karmnu. Għal dan il-għan sarulha xi tibdiliet probabbilment imwettqa minn iben l-iskultur, Aristide.[17] Ġie miżjud il-Bambin magħmul mill-kartapesta mill-istatwarju Senglean rinomat Karlu Darmanin (1825-1909).[18]

Għall-bidu, l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, sarilha pedestall u bdiet tintuża f'purċissjoni fejn il-parroċċa tal-Isla tiċċelebra l-festa tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju ta' kull sena. Illum il-ġurnata din l-istatwa m'għadhiex tintuża



Madonna tal-Karmnu




Kwadru ta' Ramiro Cali

għall-purċissjonijiet imma tinżamm f'niċċa fis-sagristija ż-żgħira tal-Bażilika tal-Isla.[19]

Issa id-devozzjoni kienet qabdet sew, u ħafna kienu jinkitbu fil-fratellanza, jew fil-Labtu tal-Karmnu bħala devozzjoni. Il-fratelli komplew jistinkaw, u fis-sena 1899, għamlu artal tal-irħam ġdid, li ġie kkonsagrat minn Mons. Salvatore Gaffiero, Isqof Awżiljarju. Fis-sena 1921, il-kwadru ta' Bonnici nbidel ma' wieħed impitter minn Ramiro Calì, l-istess kwadru li naraw illum. Kien Lwiġi Paris li ħallas għal dan il-kwadru li fih naraw lill-Madonna bilqiegħda tagħti l-labtu lil San Xmun Stock, u, fuq in-naħa l-oħra, hemm grupp ta' erwieħ qed jiġu mtellgħin fis-sema minn anġlu.[20]

Għall-istorja tajjeb jingħad li wara li tneħħa, il-kwadru ta' Bonnici, għamel żmien fis-Sagristija. Wara l-gwerra, dan ġie trasformat biex jirrappreżenta l-Madonna tal-Katina, u tqiegħed bħala titular fuq dak l-artal, għaliex dak li kellu dan l-artal qabel kien inqered.[21]

Il-ħidma ta' din il-Fratellanza, bħalma ġralhom xi oħrajn fl-Isla, waqfet ħesrem mal-bidu tal-gwerra, u qatt ma reġgħet kompliet.

## Tiżjin u armar tal-artal

Minn dak li diġà nkiteb, jidher ċar li l-ħajja ta' din il-fratellanza kienet ħafna iqsar minn ta' oħrajn imwaqqfa fil-Parroċċa Sengleana. Iżda fiż-żmien li damet attiva, l-imseħbin fiha xorta waħda ħasbu biex sebbħu kemm setgħu l-artal fdat fil-kura tagħhom. Għaldaqstant, jista' jingħad li dan l-artal ma jonqsu xejn f'dak li hu armar.

Għal żmien il-festa, dan l-artal għandu sett ta' gandlieri tal-metall abjad arġentati bil-fidda. Bejn dawn il-gandlieri jintramaw sitt statwetti ta' qaddisin li għandhom rabta mal-Ordni Karmelitan. Dawn huma l-profeti Elija u Eliżew, u l-qaddisin San Telesforu, Papa, San Xmun Stock, San Dijonisju u San Ġwann tas-Salib. Huma xogħol ta' Wistin Camilleri tal-bidu tas-seklu 20.



Artal tal-Karmnu qabel il-gwerra



Artal tal-Karmnu fil-festa llum

Il-ventartal tal-fidda, li sar fl-istess epoka, għandu disinn elaborat tas-Senglean Mikiel Degiovanni, u tispikka fih ix-xbieha ta' Sant'Elija riekeb fuq karru tan-nar miġbud minn tlett iżwiemel. Taħt dan l-alto riliev ċentrali naqraw il-kelmiet: PERTURBINEM ELIAS ASCENDIT IN COELIUM (imħawwad Elija tela' fis-sema).

Is-sett Karti tal-Glorji, sar mill-ġbir tal-poplu, kif tixhed kitba minquxa fuq waħda minnhom li tgħid: *Fatti dalla Raccolta 1859*. Il-qoxra tal-fidda tal-missall, li saret għal bidu tas-seklu 20, għandha fuq naħa xbieha tal-Madonna tal-Karmnu, u fuq l-oħra Sant'Elija. Hemm ukoll relikwarju antik tal-fidda li f'reċipjent ovali fiċ-ċentru tiegħu jiġbor fih EX CAPELLIS B.M.V.

Il-lampier, xogħol tas-sena 1909, sar mill-fratellanza u l-ġbir mill-poplu Senglean, kif hemm imfakkar fuqu. Dan il-lampier



Ventartal tal-Karmnu



Skannell Artal Madonna tal-Karmnu

jiddendel permezz ta' tliet ktajjen u fl-ispazji ta' bejniethom, jiġifieri fuq it-tliet faċċati tal-lampier hemm: l-arma tal-Ordni Karmelitan, l-arma tal-Kolleġġjata tal-Isla u l-arma ta' Malta bis-salib tat-tmien ponot.[22]





Missall u Relikwarju tal-Karmnu



Sopratvalja tal-Karmnu



Lampier tal-Karmnu

Matul il-jiem tal-festa fuq il-mensa tal-artal titqiegħed wkoll sopratvalja tal-bellus irrakkmata bid-deheb, b'disinn tassew elaborat, u xogħol tad-deheb verament fin. Din inħadmet fuq disinn ta' Mastru Mikiel Degiovanni.

Għall-purċissjoni fl-imgħoddi kien hemm standard li iżda ntilef. Il-kruċċetta tal-fidda tiegħu, bil-monogramma 'M' għal Marija, imdawra bi stellarju ta' tnax-il kewkba, illum tintuża mal-istandard tas-Santwarju. Din kienet saret f'nofs is-seklu 19, xogħol tal-arġentier Paolo Busuttil.

Għall-purċissjoni hemm ukoll surġentina tal-fidda bi statwetta tal-Madonna tal-Karmnu mħaddna bejn żewġ friegħi tal-ġilju. Din hija xogħol ta' Saverio Cannataci tas-sena 1848. Xogħol l-arġentier Michele Cachia tas-sena 1849 hu l-medaljun tal-prefett li wkoll juri fuqu xbieha tal-Madonna tal-Karmnu.



Kruċetta tal-Karmnu

Hemm ukoll l-armar tal-vara, jiġifieri d-dijadema għal fuq ras il-Madonna, u waħda għall-Bambin, u żewġ labtijiet lkoll tal-fidda, xogħol ta' Tommaso Nicholas.[23]

Bħall-artali l-oħra kollha tal-Bażilika, dan l-artal tal-Madonna tal-Karmnu, għandu wkoll armar rikk biex bih jiżżejjen fil-festi ta' matul is-sena bħalma huma l-Milied, l-Għid il-Kbir u Pentecoste.

Meta kienet qed issir ir-rikostruzzjoni tal-knisja wara t-tiġrif tal-gwerra, l-artal tal-Madonna tal-Karmnu sar ġdid minn irħam rikk mid-



Surġentina tal-Karmnu

Medaljun
tal-Karmnu





Artal tal-Karmnu festi sekondarji



Labtijiet tal-Karmnu

Ditta Battelli ta' Pietrasanta, fuq disinn tal-Kav. Vincenzo Bonello. Fil-panew ċentrali ta' dan l-artal, li ġie kkonsagrat fis-26 ta' Settembru 1957 minn Mons. Emanuel Galea, Isqof ta' Trallja fl-Asja u Vigarju Ġenerali, naraw mill-ġdid il-monogramma 'M' għal Marija u l-labtu tal-Karmnu miżmum magħha.



**Mensa ġdida artal tal-Karmnu**

## Konklużjoni

Fl-arkivju tal-parroċċa tal-Isla, sezzjoni DP 5.22 – DP 5.35, insibu madwar tlettax-il reġistru relatati ma' din il-fratellanza u xi dokumenti dwar l-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Fost dawn hemm listi ta' dawk imsieħba fil-fratellanza kif ukoll kotba tal-kontijiet li jagħtu rendikont tad-dħul u l-ħruġ minn żmien għal żmien. Hafna mit-tagħrif li bih issawwar dan l-artiklu, inkiseb ukoll minn dawn il-manuskritti.

Finalment, irid jingħad li din il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tippossiedi sitt oqbra fiċ-Ċimiterju ta' San Marija Addolorata. Dawn l-oqbra jinsabu fid-Diviżjoni Punent, Sezzjoni K, Kompartiment A, numri 75, 88, 101 u 114 u Diviżjoni Punent, Sezzjoni Q, Kompartiment A, numru 11 u 12.

## Referenzi


[1] Bonnici, A., *L-Istituti ta' Hajja Kkonsagrata, Malta*, 2000, p. 41.

[2] Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika - Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. II, Parroċċa tal-Isla, 1986, p. 80.

[3] Sciberras, K., *L-Arti Barokka f'Malta*, Malta, 2003, p. 104.

[4] Bonnici, A., (1986), p. 239.

[5] Arkivju Arċiveskovili, Floriana, *Visit. Cannaves*, XXIX, Novembru 1720.

[6] Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika - Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Parroċċa tal-Isla, 1991, p. 53.

[7] Arkivju Arċiveskovili, Floriana, *Visit. Pellerano*, XXXVIII, Mejju 1772.

[8] Bonnici, A., (1991), p. 53.

[9] Bonnici, A., (1986), p. 329.

[10] Arkivju Arċiveskovili, Floriana, *Visit. Labini*, XLI, Jannar 1786.

[11] Bonnici, A., (1991), p. 100. Fuq librett tal-1936, li kien jiġi mogħti lil kull fratell, insibu l-kelmiet: *Congregazione di Nostra Signora del Monte Carmelo: anticamente della Penitenza e Dottrina Cristiana.*

[12] Fl-1895 inbeda reġistru biex jitniżżlu l-ismijiet ta' min kien jinkiteb fil-labtu. Fl-ewwel funzjoni, li saret fis-16 ta' Lulju 1895, kien hemm 101 li nkitbu. Fost dawk li nkitbu fl-1908, kien hemm l-Arċipriet Dun Franġisk Briffa, meta kien fl-aħħar ta' ħajtu. (Bonnici, A., (1991), p. 226)

[13] Bonnici studja f'Ruma fl-iskola ta' Tommaso Minardi. Xi xogħlijiet tiegħu jinsabu f'Messina, Napli, Ruma, l-Eġittu, it-Turkija u Malta.

[14] Bonnici għażel l-iskultura fl-injam bħala s-sengħa artistika tiegħu. Fi żmienu kien meqjus bħala artist prestiġjuż u xogħlu kien imfaħħar qatigħ. Id-destin ried li dan l-iskultur imut f'qasir il-għomor fil-quċċata tal-karriera artistika tiegħu. (Mangion, F., "Vincenzo Bonnici (1821-1865): 150 sena mill-mewt tal-Iskultur li sawwar l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju," f'*Festi Solenni San Duminku ta' Guzman*,, il-Birgu, Awwissu 2015, pġ. 73-81)

[15] Ferres, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, pp. 249-250.

[16] Madiona kien pittur u mużiċist imfittex ħafna fi żmienu. Studja l-Università ta' Malta u ntbagħat jistudja Ruma fl-*Accademia delle Belle Arte* fejn studja d-disinn taħt il-professuri Tommaso Minardi u Johann F. Overbeck. Lura Malta huwa kien ġie kkummissjonat biex ipitter il-kwadru titulari ta' Marija Bambina fil-Kolleġġjata tal-Isla, li hu meqjus bħala kapolavur. (Mangion, F., "An artist by profession, renowned as a musician: Remembering Tommaso Madiona on the 150th anniversary of his demise," f'*The Sunday Times*, 6 ta' April, 2014, pġ. 36-37)

[17] Stilistikament, din l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu għandha karatteristiċi partikolari li huma tipiċi għar-repertorju ta' Vincenzo Bonnici. Dawn jidhru partikolarment fir-rappreżentazzjoni tal-wiċċ tal-Verġni Marija. Minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni u suppożizzjonijiet storiċi żbaljati, ċerti xogħlijiet ta' Vincenzo, bi żball, kienu ġew attribwiti lill-ibnu Aristide. Eżempju ta' dan huwa l-każ ta' din l-istatwa. (Debattista Briffa, N., "Aristide Bonnici (1851-1888): Discoveries and Clarifications," fi *Treasures of Malta*, 51, Summer 2011, p. 70f.)

[18] Darmanin tħarreġ l-arti minn missieru. Fil-bidu tal-karriera tiegħu ttanta jagħmel xi skulturi fl-irħam iżda ma damx ma beda jaħdem fil-kartapesta. (Mangion, F., "Karlu Darmanin: L-istatwarju Senglean li sawwar l-istatwa ta' San Ġiljan," f'*Lapsi 2018*, l-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospitalier, p. 27-54)

[19] Fis-snin ta' qabel il-gwerra, din l-istatwa, ħarġet proċessjonalment għall-aħħar darba. Fis-snin ta' wara l-gwerra, waqt li l-Bażilika kienet qed tinbena mill-ġdid, inżammet fil-knisja ta' San Ġiljan tal-Isla u, lejn nofs is-snin sittin, sabet postha fejn tinsab illum. F'Lulju 2014 kien l-aħħar darba li din l-istatwa ntramat fil-knisja.

[20] Tabone, C., "L-Artal u l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu," f'*Bulletin Parroċċa tal-Isla*, n. 63, p. 6.

[21] Tabone, C., "L-Artal u l-Fratellanza tal-Madonna tal-Katina," f'*Bulletin Parroċċa tal-Isla*, n. 67, p. 5.

[22] Il-Karti tal-Glorja, il-missall u l-lampier inħadmu wkoll fuq disinn ta' Mastru Mikiel Degiovanni. (Tabone, C., "L-Artal u l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu," f'*Bulletin Parroċċa tal-Isla*, n. 63, p. 5)

[23] Caruana, M., "Il-Fratellanza u l-artal tal-Madonna tal-Karmnu," f'*L-Isla: Leħen il-Parroċċa*, Settembru 2005, p. 45.